**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

### SEDUTA NRU 47 – IL-ĦAMIS 1 TA' NOVEMBRU 2012 (KONTINWAZZJONI)

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

## 1. EDRF

1.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, poġġa l-korrispondenza li għaddiet bejnu u bejn Dr Vanni Xuereb, il-Kap tal-MEUSAC.

1.2 L-ittra ta' Dr Vanni Xuereb tikkonferma li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija mhux 'black listed' fil-MEUSAC, kemm fil-preżent kif ukoll fil-passat.

1.3 Huwa kkonferma wkoll li l-MEUSAC għadu jżomm il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija infurmat biex dan jieħu parti f'kull inizjattiva maħruġa mill-MEUSAC li tkun applikabli għal din il-lokalità.

1.4 Is-Sinkdu, Dr. Ian Castaldi Paris, qal ukoll li kien qed ipoġġi r-risposta mingħand Dr Vanni Xuereb għas-sodifazzjoni ta' kulħadd.

## 2. LIBRERIJA PUBBLIKA

2.1 Il-Kunsilliera tkellmu dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-librerija pubblika fl-iskola primarja ta' Ħal Lija.

2.2 Il-Ħaddiema tal-Kunsill ħadu ħsieb biex jirranġaw l-ispazju allokat għal-librareija mill-Kap tal-iskola, u poġġew l-ixkaffar biex il-librerija terġa' tibda titħaddem.

2.3 Meta uffiċċjali raw l-ispazzju allokat, dawn ġibdu l-attenzjoni li ma kienx possibli titpoġġa librerija fi spazju daqshekk limitat.

2.4 Riċentament, il-Kap tal-iskola kienet infurmat lill-Kunsill li l-ispazju fejn kellha titpoġġa l-librerija kellu jittieħed biex jintuża mill-iskola bħala klassi.

2.5 Il-Kunsill approva biex il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia, jiltaqgħu mal-Kap tal-iskola biex tinstab soluzzjoni ħalli l-librerija tkun tista' terġa' tibda tiffunzjona.

## 3. ATTIVITÀ SPORTIVA

3.1 Il-Kunsill unanimament approva biex Dr Marc Sant, flimkien mas-Sur Massimo Scerri, jikkoordinaw flimkien mas-Sur Claudio Azzopardi, uffiċċjal fl-Aġenzija Żgħażagħ, sabiex jorganizzaw attività sportiva fil-lokalità ta' Ħal Lija.

3.2 Din l-attività sportiva tista' tinżamm mill-fondi allokati mill-Gvern Ċentrali.

## 4. SKEMA ATTIVITAJIET KULTURALI FIL-KUNSILL LOKALI

4.1 Il-Kunsill unanimament approva biex iressaq żewġ applikazzjonijiet biex jieħdu parti fl-iskema ta' attivitajiet kulturali biex jinżammu fil-lokalità.

4.2 Il-Kunsill approva l-applikazzjoni biex tinżamm l-attività, Festival taċ-Ċitru, biex din tinżamm f'Jannar tal-2013.

4.3 Il-Kunsill approva biex tinżamm l-attività, Presepju Ħaj, f'Diċembru 2012.

4.4 Dawn l-attivitajiet għandhom jinżammu skond Memo 38/2012 – Skema ta' Attivitajiet Kulturali għall-Kunsilli Lokali.

## 5. PAVIMENTAR FI TRIQ PREZISI

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li dan il-proġett kellu jsir mill-uffiċċju tal-Prim Ministru, u fil-ġranet li għaddew kienet saret Mistoqsija Parlamentari fuq l-istess suġġett.

5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, kien ġibed l-attenzjoni tal-uffiċċjal inkarigat minn dawn il-proġett fl-uffiċċju tal-Prim Ministru biex jagħati informazzjoni dwar dan il-proġett.

## 6. TENDER GĦAMARA TAT-TOROQ U FANALI ORNAMENTALI

6.1 Il-Kunsill unanimament approva biex il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, flimkien mal-kunsilliera, is-Sinjorina Lorraine Farrugia, jeżaminaw l-offerta msemmija hawn fuq fid-dettal u jressqu l-proposti tagħhom fil-laqgħa li jmiss sabiex titieħed deċiżjoni dwar din l-offerta.

6.2 Il-Perit John Rizzo Naudi għandu jkun preżenti fil-laqgħa li jmiss biex jispjega fid-dettal tal-proġett li ser jitħalass mill-fondi tal-UIF.

6.3 Il-Kunsilliera qablu wkoll biex tkun preparata stima dwar il-possibiltà li Triq id-Dejqa, li fil-preżent hija fi stat ħażin, tkun *stencil paved* mill-istess fondi tal-UIF.

## 7. LAQGĦAT TA’ INFORMAZZJONI GĦAR-RESIDENTI

7.1 Il-Kunsill unanimament approva biex jinżammu laqgħat ta’ informazzjoni dwar is-sigurtà u l-bon ordni għar-residenti tal-Lokalità

7.2 Dawn il-laqgħat ser jitmexxew mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizzija u ser jinżammu fis-Sala Parrokjali, Villa Lija, fit-28 u d-29 ta’ Novembru 2012.

## 8. SIINJALI TAT-TRAFFIKU

8.1 Il-Kunsill unanimament approva biex jitkomplew is-sinjali tat-traffiku fi Triq Annibale Preca skont il-pjanti li kienu ġew ippreparati mill-Perit.

8.2 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ipproponiet biex tkun studjata l-possibilità li jkun hawn ‘pedestrial priority’ fil-lokalita’ ta’ Ħal Lija.

## 9. PPP – TOROQ

9.1 Ċertifikat tal-Perit John Rizzo Naudi, li kien jispjega l-ħlas dovut lil-Polidano Brothers Ltd. u li kien jinkludi fih it-tnaqqis tal-Claim dovuta lill-Fenech *ironmonger*, ġiet preżentata fill-Kunsill.

9.2 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, irrifera għall-*email* bid-data tad-29 ta’ Ottubru 2012 fejn ġie spjegat lill-Polidano Brothers Ltd. li qabel isir il-ħlas dovut Polidano Brothers Ltd. għandhom isegwu l-kundizzjonijiet spjegati f’din l-*email* fejn il-Contract Manager, il-Perit John Rizzo Naudi, kien ġibed l-attenzjoni dwar diversi nuqqasijiet li għadhom ma ġewx irranġati.

## 10. ATTIVITAJIET GĦAL ŻMIEN IL-MILIED

10.1 Il-Kunsill unanimament approva biex nhar il-Ġimgħa 21 ta’ Diċembru 2012, tinżamm l-attività ta’ tqassim tar-rigali minn Father Christmas.

10.2 Il-Kunsill unanimament approva biex nhar il-Hamis 27 ta’ Dicembru 2012 tigi organizzata Cinema Day ghat-tfal ta’ Hal Lija.

10.2 Ċirkulari għandha titqassam bl-informazzjoni ta’ din l-attività.

## 11. LAQGĦA

11.1 Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 29 ta' Novembru 2012 fil-5:30p.m..

Il-laqgħa ntemmet fis-7:15 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |